# Kunċert Annwali tal-Ġimgħa Mqaddsa

Il-Ħadd 17 t'April 2011, l-Għaqda Mużikali Imperial ippreżentat il-Kunċert Annwali fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. F'dan il-kunċert li sar fis-Sala tal-Iskola tal-Mellieħa, ħadu sehem il-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg, flimkien ma' Mro Shirley Helleur, Direttriċi tal-Kor Imperial. Il-mużika f'dan il-kunċert kienet ikkumplimentata minn żewġ ħsibijiet mill-isbaħ miktuba mis-Sur Edward Camilleri.

F'dan il-kunċert ġew esegwiti numru ta' xogħlijiet korali, klassiċi, semiklassiċi u popolari. Fost dawn kellna tliet kompożizzjonijiet miktuba minn kompożituri Maltin, li kienu, l-Aħħar Fjura Vjola tas-Surmast J. N. Sammut, il-marċ funebri 22 t'Ottubru 2002 minn Daniel Quattromani li ndaqq għall-ewwel darba f'dan il-Kunċert, u Eleġija lill-Ġesù Redentur t'Aronne Sultana.

Fuq xewqa ta' Sultana stess din l-Eleġija ġiet iddedikata lill-Patri Liberat Cini O.S.A. – li mar jiltaqa' mal-Mulej propju l-Ħadd 10 t'April 2011 għall-premju tant mistħoqq għall-ġid li wettaq mal-komunità Agostinjana bħala reliġjuż u missjunarju u anke lill-Mellieħa – ir-raħal tal-Madonna li hu tant kien iħobb.

Bħala mistieden speċjali f'dan il-kunċert ħa sehem il-kantant Damian Buhagiar li interpreta l-kanzunetta Getshemane mir-rock *Opera Jesus Christ Superstar* ta' Tim Rice u Andrew Lloyd Weber. Damian ħa sehem diversi drabi permezz tal-kant f'attivitajiet ġewwa l-Mellieħa. F'Settembru 2009 mar jagħmel is-*sixth form* ġewwa l-kulleġġ *Tring Park School of Performing Arts* ġewwa Tring fl-Ingilterra fejn studja suġġetti akkademiċi għal livell avvanzat u kors vokazzjonali fil-*Musical Theatre*.

Huwa rebaħ il-*Musical Theatre Cup 2011* ta' Tring Park School. Huwa l-ewwel Malti li ser ikollu ismu mniżżel mar-rebbieħa ta' kull sena fid-daħla prinċipali ta' *Tring Park School of Performing Arts*.

F'Settembru ta' din is-sena Damian ser jibda jattendi kors ta' tliet snin għall-B.A. Hons fil-*Musical Theatre* fil-Kulleġġ '*Arts Educational Schools London'* f'Chiswick l-Ingilterra.

Fi tmiem il-programm Clatyton Vella, għannom tas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial, ippreżenta donazzjoni finanzjarja lil Rev. Martin Micallef Direttur tad-Dar tal-Providenza. Dawn il-flus kienu ngħabru waqt esebizzjoni li saret fis-sala tal-Każin Imperial organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.



